MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2005

Appell Civili Numru. 1202/1995/1

**Paul Busuttil**

**v.**

**Carmelo Bonello u martu Antoinette**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta’ citazzjoni pprezentat fil-Prim’ Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-attur, wara illi ppremetta illi l-konvenut ghandu jaghtih is-somma ta’ Lm350.17 (tlett mija u hamsin lira u zbatax-il centezmu) bhala prezz ta’

materjal u xoghol ta' dawl u ilma ezegwit mill-attur fid-dar residenzjali tal-konvenut fl-interess u fuq l-istruzzjonijiet tal-konvenut; illi l-konvenut, interpellat ihallas l-ammont mitlub, baqa' inadempjenti; talab ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: 1. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Lm350.17 bhala prezz ta' materjal u xoghol ta' dawl u ilma ezegwit mill-attur fl-interess tal-konvenut, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi; bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid pprezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet kummercjali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti illi biha eccepew:

a. Illi preliminarjament hemm in-nullità tal-azzjoni ntavolata mill-attur billi skond il-ligi kellha tigi indikata ukoll mart l-istess attur u dan kif titlob il-ligi in vista tal-emendi li saru apposta ghal dan l-iskop;

b. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu, l-azzjoni hija vessatorja u dan peress (li) l-konvenuti dejjem kienu lesti jhallsu dak li hu verament dovut u mhux dak ezagerat u mitlub ghax-xoghol li ma jimmeritax din is-somma, iktar u iktar meta l-istess attur kien ghamel zbalji tort tieghu, liema tort qed jipprova jgal (*recte*: jgieghel) l-istess konvenuti jhallsu ghalih;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti, guramentata minn Carmelo Bonello, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza tal-wiehed u tletin (31) ta' Mejju, 2002 illi permezz taghha l-Prim' Awla tal-Qorti Civili ddecidiet hekk:

"… tilqa' t-talbiet attrici b'dan illi l-konvenuti qed jigu kundannati jhallsu lill-attur is-somma ta' tliet mija u seba u

gho[x]rin liri maltin u sbatax il-centezmu (Lm327.17) prezz ta' materjal u xoghol ta' dawl u ilma ezegwit mill-attur fid-dar residenzjali tal-konvenuti fl-interess u fuq l-istruzzjonijiet tal-istess konvenut u dan bl-imghaxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza.

"Spejjez kollha kontra l-konvenuti";

u dana wara illi kkunsidrat hekk:

"Jirrizulta [li] l-konvenuti nkarigaw lill-attur sabiex jghamel xoghol ta' istallazzjoni ta' sistemi ta' dawl u ilma fil-kamra tal-banju u fil-kcina tar-residenza taghhom u cioè fl-appartament numru 6, Block D, Door A, Triq il-Hawli, Vittoriosa;

"L-attur ikkonferma li esegwixxa dawn ix-xogholijiet skond ix-xewqat tal-konvenuti u inoltre kkonferma li huwa xtara l-materjal kollu relattiv li kien rikjest ghal dawn l-istess xogholijiet. L-attur jippretendi li ta' dan ix-xoghol huwa ghandu jithallas is-somma komplessiva ta' tliet mija u hamsin liri maltin u sbatax il-centezmu (Lm350.17). Dawn il-pretensjonijiet tal-attur jinkludu l-prezz tal-materjal uzat u impjegat f'dan ix-xoghol u li l-attur xtara u l-granet li l-istess attur ha biex spicca x-xoghol;

"Il-konvenuti eccipew preliminarjament li din l-azzjoni hi nulla stante li mart l-attur mhux inkluza bhala attrici skond kif tirrikjedi l-ligi. F'dan ir-rigward, però, l-konvenuti naqsu li jghamlu xi provi u ghalhekk naqsu li jipprovaw li l-attur hu fil-fatt mizzewweg. Konsegwentement din l-eccezzjoni qatt ma tista tigi akkolta;

"Fil-meritu il-konvenuti qed jissottomettu li huma dejjem kienu lesti jhallsu dak li hu gustament dovut lill-attur. Huma, però, jippretendu li l-ammont li qed jitlob l-attur hu ezagerat anke peress li, skond huma, l-attur ghamel zbalji fix-xoghol tieghu;

"Jirrizulta li x-xoghol in kwestjoni kien jikkonsisti f'estensjoni ta' parti tas-sistema ta' l-elettriku u bdil fl-istallazzjoni tas-sistema ta' l-ilma billi gie nstallat sistema

gdid ta’ *pipes* mit-tank fuq il-bejt ghal gol-kamra fejn hemm id-doccja;

“Il-Qorti esaminat bir-reqqa r-rapport tal-espert tekniku. Taqbel mal-kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet li ghamel l-istess perit tekniku, kif ukoll mal-konkluzjonijiet li wasal ghalihom. Ghalhekk dawn qed jigu adottati u l-Qorti tghamillhom taghha;

“L-abbli perit tekniku kkonkluda li ma rrizultax li l-pretensjonijiet tal-attur, ghar-rigward tal-materjal li hu xtara in konnessjoni max-xogholijiet in kwestjoni, huma eccessivi. Ghar-rigward tal-hin li l-attur ha biex esegwixxa x-xoghol, lanqas ma rrizulta lill-espert tekniku, li dan kien xi tul taz-zmien esagerat. Ghalhekk l-ammont mitlub mill-attur hu dovut, però dan l-ammont ghandu jitnaqqas bis-somma ta’ tlieta u ghoxrin liri maltin (Lm23). Tlett liri maltin (Lm3) ghar-rigward taz-zmien li [l-]attur ha biex nehha xoghol li kien già ghamel. F’dan ir-rigward skond l-espert tekniku l-attur kellu jnaqqas Lm16, u mhux Lm13 (differenza ta’ Lm3). L-ghoxrin liri maltin rimanenti (Lm20) jirrapresentaw il-valur ta’ hsara li l-attur ghamel fit-*tiles* waqt li kien qed jghamel ix-xoghol in kwestjoni. In vista ta’ dan kollu l-perit tekniku kkonkluda li s-somma li ghandha tithallas mill-konvenuti lill-attur hi ta’ tliet mija u seba u gho[x]rin liri maltin u sbatax il-centezmu (Lm327.17);

“Ma jirrizulta xejn li jista’ jgieghel il-Qorti tbiddel xi haga minn dawn il-konkluzjonijiet”;

Rat ir-rikors ta’ l-appell tal-konvenuti illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu illi tigi revokata s-sentenza appellata u illi jigu michuda t-talbiet ta’ l-appellat bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-appellat;

Rat ir-risposta ta’ l-attur illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottometta illi t-talba ta’ l-appellanti ghar-revoka tas-sentenza appellata hija frivola u vessatorja u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kollha kontra tieghu (*sic*);

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi dina l-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi r-rikors ta' appell huwa redatt b'mod tant ingarbuljat u konfuz illi mhux facli illi jigi determinat fejn l-appellanti ma jaqblux mas-sentenza appellata; però, wara illi din il-Qorti qrat ir-rikors ta' appell ghal aktar minn darba, taghmel is-segwenti konstatazzjonijiet:

1. ma hemm ebda dubbju illi l-appellanti ma ressqu ebda aggravju kontra s-sentenza appellata kwantu permezz taghha giet michuda l-eccezzjoni preliminari taghhom dwar in-nullità ta' l-att ta' citazzjoni;

2. l-uniku aggravju illi b'xi mod jista' jinghad illi qed javanzaw l-appellanti kontra s-sentenza appellata huwa illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti. Dan qed jinghad ghaliex, minn ezami ta' dik il-parti tar-rikors ta' appell illi tibda bil-kliem "Illi l-aggravju jikkonsisti fis-segwenti", jirrizulta illi l-appellanti, wara illi ghamlu sensiela ta' dikjarazzjonijiet dwar siltiet mill-provi prodotti, fil-penultimu paragrafu issottomettew hekk:
"Illi jidher b'mod car li l-perit tekniku <u>ma tantx</u> ta' importanza dan l-aspett tal-provi, liema haga serviet biex:

- tippregudika l-posizzjoni tal-esponenti konvenuti;

- zdiedu l-ispejjes bla bzonn, tort tal-istess attur" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Dina l-Qorti, wara illi ezaminat sewwa l-provi kollha prodotti, ma tezitax illi tghid illi l-perit tekniku fir-relazzjoni tieghu kien metikoluz fl-ezami tal-provi prodotti u illi wasal ghall-konkluzjonijiet gusti dwarhom. Konsegwentement, hija taqbel pjenament ma' dak illi qalet l-ewwel Qorti fis-segwenti silta mis-sentenza appellata:

“Il-Qorti esaminat bir-reqqa r-rapport tal-espert tekniku. Taqbel mal-kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet li ghamel l-istess perit tekniku, kif ukoll mal-konkluzjonijiet li wasal ghalihom. Ghalhekk dawn qed jigu adottati u l-Qorti taghmilhom taghha”;

Fil-fehma ta’ dina l-Qorti, minn dak illi inghad sa issa, mhux biss huwa ovvju illi l-aggravju ta’ l-appellanti huwa ghal kollox infondat, izda huwa ovvju ukoll illi l-appell interpost huwa wiehed fieragh u vessatorju. Ghalhekk, dwar il-kap ta’ l-ispejjes ta’ dan l-appell, sejjer jigi applikat il-provvediment ta’ l-artikolu 223(4) tal-Kap. 12;

Ghal dawn il-motivi:

Tipprovdi dwar l-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjes ta’ din l-istanza jigu sopportati mill-konvenuti appellanti u illi, b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 223(4) tal-Kap. 12, l-appellanti jhallsu spejjes doppji lill-attur appellat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------